SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA AD HOC**

**13 ta' Settembru, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Viċi Sindku David Dalli u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss u Neville Mallia.

**APOLOĠIJI** (Skont Ord Perm 14(3))

Il-Kunsillier Violet Bajada minħabba mard.
Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara Dr Frank Bartolo avża li ġej tard minħabba xogħol (verbalment).

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

Fil-bidu tas-seduta, l-Kunsillier Joan Farrugia ddikjarat li għandha interess pekunarju f'*item* numru 4 ta' l-aġenda.

**1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Ittra ta' Direzzjoni għas-sena 2009 u Risposta tal-Kunsill**

1.1 Fi ftuħ tad-diskussjoni, is-Sindku stieden lis-Sur Pierre Mangion, l-A*ccountant* tal-Kunsill, sabiex ikun preżenti fil-laqgħa għal spejgazzjonijiet li jistgħu jiġu mitluba.

1.2 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw l-ittra ta' direzzjoni ta' l-Awdituri Lokali kif ukoll ir-risposta tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2009, li kopja tagħhom hi anessa bħala dokument 'A' ma' dawn il-Minuti.

1.3 Saret diskussjoni fit-tul dwar il-punti kollha mressqa mill-Awdituri Lokali, fejn kien innotat li l-punti mressqa minnhom kienu marbuta mal-inventarju, kif ukoll oħrajn ta' proċedura iżda li ma kienx hemm xi każ jew proċess li l- Kunsill ma mexiex mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.4 L-*Accountant* semma wkoll li xi punti li kienu rrimarkati għal żbalji fl-*accounting*, u saħaq li għalkemm isir l-aħjar sforz, huma ċirkostanzi li ġew aġġustati fil-ħin u ma ħallew l-ebda effett jew impatt fuq il-preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji.

1.5 Kien ukoll imsemmi d-dewmien li seħħ minħabba ċirkostanzi mhux maħluqa mill-Kunsill jew mill-*Accountant* iżda minħabba problemi li nħolqu mill-Awdituri Lokali.

1.6 Kien ukoll innotat li l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill kien tjiebet mis-sena preċedenti billi ġie rikuperat 56% mid-defiċit.

1.7 Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Pierre Mangion tad-disponibilita' tiegħu u talbu jirtira mil-laqgħa.

1.8 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

1.9 "*Il-Kunsill japprova r-Risposta tal-Kunsill għal-ittra ta' direzzjoni tal-Awidturi Lokali kif imressqa.*"

1.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet b'erba' voti favur u tliet astenzjonijiet.

1.11 F'dan l-istadju tal-laqgħa saret diskussjoni dwar xi xogħlijiet urġenti ta' manutenzjoni fil-lokalita' fejn kien deċiż li tintalab kwotazzjoni għat-tindif tal-*culverts* u li tingħata lista mill-Membri għat-tiswija tat-toroq.

1.12 Is-Sindku nforma lil Kunsill li wara laqgħa li saret ma' l-*IPSL* kien magħruf li dawn mhux ser jibqgħu iħaddnu l-istess sistema iżda li jkun il-Kunsill li jgħaddi lista ta' proġetti li jistgħu isiru minnhom.

1.13 Il-Kunsill kien ukoll infurmat li l-*IPSL* mhux ser jibqgħu jagħmlu xogħlijiet ta' sinjali tat-toroq u għalhekk kien hemm qbil unanimu li tinħareġ sejħa għall-offerti li tkun tistipola li s-sinjali jridu jinżammu fl-aħjar stat mill-kuntrattur.

1.14 Kien hemm ukoll qbil li terġa tintalab il-lista lill-*Transport Malta* dwar ir-*reserved parking* sabiex issir verifika tagħha.

1.15 Is-Sindku semma li l-laqgħat li ser jibda jkollu l-Kunsill ser ikunu inklussivi u għalhekk il-Membri se jkunu mgħarrfa bihom, iżda laqgħat speċifiċi jkunu mistiedna jattendu l-Kunsillieri responsabbli minn dak il-qasam partikolari.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Amministrattiv, għas-2009 (April – Diċ 2009)

2.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bir-Rapport Amminsitrattiv għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2009, u li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument 'B'.

2.2 Id-dokument kien meqjus bħala moqri.

2.3 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

2.4 "*Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv kif imressaq.*"

2.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet unanimament.

**3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena 2010 (Jannar-Marzu, 2010)**

3.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bir-rapport finanzjarju u li jkopri l-ewwel tliet xhur tas-sena finanzjarja, bejn Jannar u Marzu, 2010.

3.2 Filwaqt li kien spjegat illi dan ir-rapport ma setgħax jitressaq qabel minħabba li ma kinitx ġiet konkluża l-verifika finali mill-Awdituri Lokali, mir-rapport irriżulta li l-Kunsill kien kompla jagħmel titjieb fil-qadgħa finanzjarja.

3.3 Kien ukoll imsemmi li għalkemm mhux finalizzat, jidher li t-tieni rapport u li jkopri sax-xahar ta' Ġunju, 2010 ser ikompli juri iktar titjieb bil-prospetti li l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill tkun rimedjata sal-aħħar tas-sena finanzjarja.

3.4 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

3.5 "*Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju għall-ewwel tliet xhur tas-sena, kif imressaq.*"

3.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet b'erba' voti favur u tliet astenzjonijiet.

**4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Ħruġ ta' Offerti għal *Contracts Manager* u Servizz ta' *Bulky Refuse***

4.1 Il-Kunsillier Joan Farrugia ddikjarat interess pekunarju fil-ħruġ ta' l-offerta tas-servizz tal-*contracts manager* u kienet skużata mil-laqgħa. (7.50pm)

4.2 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel illi minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-Kunsill il-kuntratti tal-ġbir tal-iskart goff kif ukoll dak tas-servizz tal-*contracts manager* għandhom jiġu estiżi b'sitt ġimgħat sabiex tkun tista' tiġi ppublikata s-sejħa ta' l-offerti kif ukoll isir l-aġġudikazzjoni tagħhom.

4.3 Kien ippreżentat l-abbozz tal-kuntratt għas-servizz ta' *Contracts Manager*, liema dokument joħroġ mill-proċeduri tal-Kunsilli Lokali, u li jinsab aness bħala dokument 'Ċ' ma' dawn il-minuti.

4.4 Saret diskussjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u li minnhom irriżultaw il-ħtiġijiet tas-servizz ta' *Contracts Manager*, u dan fir-rigward tal-kuntratti li jkunu taħt is-superviżżjoni tiegħu, l-kwalifiċi neċessarji u s-siegħat ta' servizz.

4.5 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.6 "*Il-Kunsill jaqbel li fir-rigward tas-sejħa tal-offerti għas-servizz ta' Contracts Manager, għandu jinżamm għas-superviżżjoni tiegħu il-kuntratti relatati mal-indafa fil-lokalita', illi jitneħħew kull referenzi ta' kwalifiċi li ma għandhomx x'jaqsmu ma' dawn il-kuntratti u li s-siegħat ta' supervizzjoni mistennija jkun ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa.*"

4.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u approvata unanimament.

4.8 Il-Kunsillier Joan Farrugia daħlet għal-laqgħa f'dan l-istadju. (8.05pm)

4.9 Kien ippreżentat l-abbozz tal-kuntratt għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff, liema dokument kien skont kif anness mal-proċeduri tal-Kunsilli Lokali, u li jinsab aness bħala dokument '4D' ma' dawn il-minuti.

4.10 Saret diskussjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, u li minnhom jirriżultaw il-ħtiġijiet tal-Kunsill għal dan is-servizz.

4.11 Il-Kunsill Marica Bayliss resqet din il-mozzjoni:

4.12 "*Il-Kunsill jaqbel li l-frekwenza tal-ġbir ta' l-iskart goff tiżdied minn darbtejn għal tliet darbiet fil-ġimgħa.*"

4.13 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet b'sitt voti favur u wieħed kontra.

4.14 Il-Kunsillier Marica Balyliss resqet din il-mozzjoni:

4.15 "*Il-Kunsill jaqbel li l-massimu ta' ġranet ta' stennija mir-residenti għal ġbir ta' skart goff għandu jkun sebat ijiem, li s-servizz jinbeda mis-sebgħa ta' filgħodu kif ukoll li l-kuntratt ikun ta' tliet snin li iżda jiġi mġedded minn sena għal sena.*"

4.16 Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet b'sitt voti favur u wieħed kontra.

4.17 Kien hemm qbil unanimu illi l-Avukat Keith Grech, il-Perit Anthony Bezzina u l-*Accountant* Pierre Mangion jiġu mitluba humiex disponibbli jiffurmaw il-bord li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet fuq dawn is-sejħiet ta' l-offerti.

4.18 Is-Sindku nforma lil Kunsill bil-ħsieb tiegħu li tiġi mibgħuta ittra lill-istabbilimenti kummerċjali kollha dwar it-tiżjin tat-toroq fi żmien il-Milied, bil-għan li jkunu nvoluti f'din il-ħidma sabiex ikun hawn atmosfera aħjar matul din is-sena.

4.19 Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

4.20 Is-Sindku nforma lil Membri li l-kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 13 hi msejħa għal nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

4.21 Il-laqgħa ntemmet fit-8.25pm

Konfermati, illum **8 ta' Novmbru** ~~Ottubru~~, 2010

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPuis | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |